MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 240/2006/1

**Dr. George Abela**

**vs**

**Frans Ghirxi**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Frar, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat l-10 ta' Awissu tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas lill-attur is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni skond l-Att dwar l-Istampa, ai

termini ta' l-artikolu 28 tal-kapitolu 248, wara li jigi dikjarat li ingurja u mmalafama lill-attur, bl-artikolu intitolat 'Il-Kwistjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja tat-Taqsima Settur Pubbliku – Aktar Rapportagg Zleali mill-Media tal-PN', ippubblikat f'pagna 1 u 2 tal-harga tal-gurnal 'L-Orizzont' tal-5 ta' Awissu 2006 li kopja tieghu hija esebita bhala Dokument 'A', fejn il-konvenut, bhala editur, ippubblika allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tar-rikorrent u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku u dana wara li l-istess konvenut kien gie tempestivament avzat mill-attur stess, permezz ta' ittra datata 4 ta' Awissu tas-sena 2006, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'B', dwar l-infondatezza tal-allegazzjonijiet u l-gravita' ta' tali pubblikazzjoni, izda xorta ppubblika l-artikolu in kwistjoni;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 t'Ottubru tas-sena 2006 li permezz taghha l-intimat ecepixxa s-segwenti:

1. Illi hu, bhala editur ta' l-orizzont m'ghamilx hag'ohra hlief li gab l-istqarrija tal-GWU, (li ghaliha qed jirreferi l-attur), u gab ukoll ir-reazzjoni ghaliha ta' l-istess attur, (ara l-ahhar erba' paragrafi tal-kitba), u b'hekk hu zamm lill-qarrejja, b'mod fidil, mgharrfa b'affarijiet kurrenti u ta' nteress pubbliku u dan sar bla ebda animus injuriandi versu l-attur anzi b'massima bonafede;

2. Billi din il-kawza hi konnessa mill-qrib ma' dik Rikors 241/06/DM Dr. George Abela vs Charles Vella, hu suggerit li z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Stabbilit bhala fatt, u dan ex admissis, mill-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet, (ara fol 50), li l-editur tal-gurnal l-orizzont fil-gurnata tal-pubblikazzjoni ta’ l-artikolu in dizamina effettivament kien l-istess l-intimat Ghirxi;

Rat is-sottomissjonijiet skritti tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna hi naxxenti minn artikolu intitolat “Aktar rapportagg zleali mill-midja tal-PN” – “Il-kwistjoni tal-konferenza Generali Straordinarja ta’ Taqsima tal-GWU” – li gie ppubblikat fil-harga tal-gurnal l-Orizzont ta’ l-5 t’Awissu tas-sena 2006, u li ghalhekk id-decizjoni odjerna hi limitata ghall-istess artikolu;

2. Illi fir-rigward ta’ dan l-imsemmi artikolu, l-intimat isostni li din kienet riproduzzjoni “ … leali, kelma b’kelma ghall-istqarrija …” precedentement rilaxxata, “ … u hemm reazzjoni ghall-istess stqarrija. Ir-reazzjoni kienet minn Dr. George Abela”, (ara fol 65), tar-Rikors Numru 246/06 fl-istess ismijiet liema xhieda hi wkoll applikabbli ghall-procedura odjerna, (ara fol 57), ta’ l-istess procedura ndikata f’dan il-paragrafu;

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza tar-rikorrent tista’ tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. illi l-imsemmi artikolu mhux biss jirriproduci xi kummenti li kinu dehru fil-gurnal in-Nazzjon

liema kummenti r-rikorrenti isostni pero’, li gew addebitati lilu;

2. Illi f’dan ir-rigward ir-rikorrent isostni b’forza li dawn il-kummenti riprodotti fl-istess artikolu meritu ta’ din il-procedura fil-fatt qatt ma qalhom;

3. Illi in effetti r-rikorrent hassu ghalhekk malafamat u ingurjat;

Ikkunsidrat:

1. Illi in effetti r-rikorrent isostni li l-uniku kumment li kien qal lill-gurnalista tan-Nazzjon Ray Abdilla kien “ … illi wara li l-Prim’Awla ddecidiet il-mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront ta’ Josephine Attard Sultana kontra l-amministrazzjoni centrali tal-General Workers Union kull ma kont ghidt jiena lil dan il-gurnalist kien biss … jien sodisfatt bid-decizjoni, iktar minn hekk m’ghidt xejn”, (ara fol 54);

2. Illi jidher li fir-rappurtagg taghha, in-Nazzjon kienet ghamlet diversi kummenti anke attribwiti lir-rikorrent;

3. Illi r-rikorrent isostni b’forza li dawn il-kummenti qatt ma qalhom u li dejjem kien cahadhom pubblikament;

4. Illi fir-rigward ir-rikorrent kien anke kiteb lill-intimat fil-kwalita’ tieghu ta’ editur ta’ l-Orizzont biex jinfurmah bil-pozizzjoni soda tieghu, u kien anke annettielu kopja ta’ ittra fl-istess vena li hu kien baghat lill-organizzazzjoni gurnalistika responsabli mill-gurnalist Abdilla fuq indikat;

5. Illi r-rikorrent ihossu gravament offiz li nonostante li kien preventivament informa lill-intimat bil-pozizzjoni vera tal-fatti in dizamina u mhux kif riprodotta u manipulata mill-imsemmi

gurnalist Abdilla, l-intimat ghazel li jinjora l-ittra korrettorja u jippersisti fl-ingann orkestrat;

Ikkunsidrat;

Illi l-allegazzjonijiet kontenuti fil-kummenti ta’ l-intimat fl-artikolu tieghu in dizamina huma ritenuti malafamanti mir-rikorrent u jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat isostni li r-rikorrent qed “ipaxxi” lill-media tal-partit Nazzjonalista meta r-rikorrent irrilaxxa l-kummenti tieghu;

2. Illi r-rikorrent infexx f’attakk zleali fuq il-General Workers Union;

3. Illi r-rikorrent kien abbanduna lill-imsemmija Union meta rrifjuta li jwiegeb ittra ufficcjali mibghuta mill-Gvern;

4. Illi r-rikorrent ma kienx qed jaqbel mal-General Workers Union f’xi azzjoni li din riedet tiehu kontra l-Gvern;

5. Illi r-rikorrent jitkaza bil-militanza fil-GWU u l-intimat anke jikkwota xi diskors li l-istess rikorrent allegatament stqarr;

6. Illi r-rikorrent kien responsabbli ghat-terminazzjoni mill-impjieg ta’ xi persuni;

7. Illi r-rikorrent ghandu affinita’ mal-Partit Nazzjonalista u konsegwentement inghata diversi konsulenzi mill-Gvern;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent jichad kategorikament l-allegazzjonijiet ippubblikati mill-intimat fil-gurnal tieghu u mhux biss, talli jirrizulta li l-istess intimat kien preventivament infurmat li l-allegazzjonijiet li

hu liberament ghazel li jippubblika fil-gurnal tieghu fid-data in dizamina ma kienux minnhom u li ghalkemm kienu gia vantati mill-gurnalist Abdilla, dawn ma kellhom l-ebda fondament fattwali;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent ma strahx biss fuq in-negazzjoni ta' l-allegazzjonijiet minnu ritenuti bhala foloz izda ghazel li jirrispetta l-intelligenza ta' kull min b'buonafede jrid jiskrutinja l-allegati fatti billi jaghti spjegazzjoni kurjali u ghalhekk jissottomettiha anke ghall-analizi tal-kontroparti;

Illi in sintesi r-rikorrent isostni li qatt ma nfexx f'xi forma ta' attakki kontra l-Union in dizamina; la b'xi mod ried ikun servili lejn xi hadd – potenti kemm hu potenti – la qatt abbanduna l-oghla livelli professjonali tieghu meta kien jagixxi bhala konsulent legali tal-Unionde quo, la qatt innega l-agir tieghu fi hdan l-imsemmija Union; la qatt kien responsabbli ghat-telf t'impjieg ta' xi hadd; la ghandu xi affinita' mal-Partit Nazzjonalista u f'dan ir-rigward, il-kuntratti li seta' nghata l-ufficcju professjonali tieghu inghataw fi trasparenza u taht l-iskrutinju ufficcjali u pubbliku; u li finalment qatt ma irrilaxxa stqarrijiet li fihom qal il-kliem indikat mill-artikolis intimat kif riprodott fl-artikolu tieghu meritu ta' din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-gurnalist Abdilla fuq indikat in sintesi jikkonferma l-iter fattwali kif sostenut mir-rikorrent;

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni ta' l-intimat tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi qabel ma ppubblika l-artikolu tal-5 t'Awissu tas-sena 2006 li hu l-meitu tal-procedura

odjerna, hu kellu fil-pussess tieghu in-notifika tar-rikorrent;

2. Illi effettivament l-intimat isostni li rriproduca l-istess fl-artikolu tieghu de quo;

3. Illi jsostni li l-artikolu in dizamina jikkontjeni biss fatti maghrufa u kummenti legittimi permissibbli f'socjeta' hielsa;

4. Illi qabel ma ppubblika l-imsemmi artikolu ma ghamel l-ebda verifika mar-rikorrent ghaliex hass li ma kienx hemm lok ghal dan, (ara fol 66);

Ikkunsidrat:

Illi l-precett essenzjali li kull gurnalist serju f'socjeta' hielsa, demokratika u rispettuza ghad-drittijiet fundamentali ta' kull persuna fl-istess socjeta' hu li l-fatti ghandhom jigu riprodotti b'ezattezza, preferibbilment, wara verifika serja u ta' min jsitrieh fuqha;

Illi hu f'dan l-istadju biss, li l-fatt isir sagru;

Illi ovvjament il-kumment mhux fatt, ghalkemm jigi nnutat b'dispjacir li kemm din il-qorti kif ukoll qrati ohra superjuri ghaliha kemm –il darba kellhom l-okkazjoni jirrimarkaw li hemm konfuzjoni sfrenata fir-rigward li jehtieg li tigi dissipata kemm jista' jkun malajr;

1. Illi kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell f'Sammut vs Caruana Galizia et tad-9 ta' Jannar tas-sena 2008:

" Il-ligijiet jaffermaw b'rilevanza t-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u professjonali li fih jesplika l-personalita' tieghu. Din it-tutela b'fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem,

l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. Pari passu ma' din it-tutela hemm, imbaghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fundamentali";

2. Illi pero' kif ammoniet l-istess qorti superjuri l-ezercizzju ta' dan l-ahhar dritt m'ghandux jitqies bhala xi brevett biex wiehed jikteb li jrid fuq dak li jkun u f'dan is-sens, a skans ta' ripetizzjoni inutili, issir referenza ghall-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana tat-13 ta' Frar, tas-sena 2007 hemm citata li stabbiliet il-kundizzjonijiet essenzjali rikjesti fl-ezercizzju bid-dritt tal-liberta' ta' l-istampa;

Ikkunsidrat:

Illi kif ghandu jirrizulta wara analizi tal-fatti kif fuq esposti, l-artikolist intimat ghazel triq anqas rigoruza u ibbaza l-artikolu tieghu in dizamina fuq pedamenti tassew dghajfin, senjatament allegazzjoni unilaterali tieghu stess billi espona fatti kif deherlu hu meta kien abbundantement assodat – u dan anke mill-istess intimat li kien ircieva ittra appozita f'dan is-sena mir-rikorrent stess – li dawk li hu kien qed iqis fatti, in effetti kien addirittura jirrizulta li kien gja' hu stess jaf li kienu allegazzjonijiet foloz;

Illi ghalhekk l-artikolu in dizamina m'hu xejn hlief propagazzjoni ta' allegazzjonijiet li l-istess intimat jirizulta li kien jaf li ma kienux minnhom;

Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-artikolu de quo m'hu xejn hlief manipulazzjoni velenuza li socjeta' hielsa, demokratika, trasparenti u rispettuza tad-drittijiet fundamentali ta' kull persuna fl-istess socjeta' tezigi li l-korp gurnalistiku, fost l-ohrajn, jiddesisti milli jkompli jippropaga;

Ikkunsidrat:

Illi in vsita tas-sintesi fattwali w legali fuq elenkat tirrespingi r-risposta ta' l-imtimat Frans Ghirxi fl-

interezza taghha u takkolji t-talba ta' l-attur Dr. George Abela u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-artikolu meritu ta' din il-procedura intitolat "Il-kwistjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja ta' Taqsima tal-GWU" – "Aktar Rapportagg Zleali mill-media tal-P.N.", ippubblikat fil-gurnal l-Orizzont tal-5 t'Awissu tas-sena 2006 hu effettivament malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur fuq indikat;

2. Illi biex allura tkun tista' tghaddi ghall-fazi successiva tal-vertenza u tistabbilixxi, kif statutorjament impost, il-quantum prefiss biex taghmel tajjeb ghad-dannu morali riskontrat fir-reputazzjoni ta' l-attur, taghmel referenza wkoll ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

"Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara soferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Illi biex din il-qorti tkun tista' tafferma r-rettitudini ta' dan l-ezercizzju taghmel referenza ghas-segwenti:

i. Illi l-intimat artikolist ibbaza ruhu fuq allegazzjonijiet karpiti u manipulati minn terzi li kienu adegwatament konfutati mill-attur rikorrent, liema komfutazzjoni kienet giet a debita konjizzjoni ta' l-istess intimat qabel ma ha d-decizjoni li jippubblika l-artikolu de quo;

ii. Illi biex zgur ikun rema' kull kawtela l-istess editur intimat jirrizulta li ma kkonduca l-ebda verifika qabel ma ippubblika;

iii. Illi l-allegazzjonijiet fattwali hekk superficjalment assunti gew ippubblikati b'irresponsabbilita' li mhix konsona mal-professjoni mhaddna;

iv. Illi l-allegazzjonijiet imxandra permezz ta' l-artikolu de quo ghalhekk kienu kagun li l-attur rikorrent ihossu ingustament imzeblah u konsegwentement legittimament malafamat u ngurjat skond kif depunt fil-Kap 248;

v. Illi ovvjamnt, tenut kont tal-professjoni ta' l-attur rikorrent tali insinwazzjonijiet jaghtu wiehed x'jifhem li dan l-attur allura kien anke naqas mid-dmirijiet professjonali tieghu – meta jirrizulta assodat ampjament li dak minnu allegat u ppubblikat ma kienx il-kaz;

vi. Illi l-ebda wahda mill-allegazzjonijiet vantati fil-konfront ta' l-attur ma gew ipprovati;

**3.** Tikkundanna lill-intimat Frans Ghirxi biex ihallas lill-attur rikorrent Dr. George Abela l-ammont ta' elf u erba' mitt Ewro, (€1,400.00,0), bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess editur intimat.**"**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-ilment illi l-ewwel Qorti ma kellhiex issibu hati ta' malafama fil-konfront ta' l-attur. B'talba ghar-revoka ta' din is-sentenza l-appellanti jressaq b'argoment illi huwa illimita ruhu biex igib l-istqarrija tal-G.W.U. minghajr ma zied xejn aktar u, barra minn hekk, id-dritt tal-kronaka akkonsentit lilu kien jippermettilu li jgib dik l-istqarrija, fl-ezercizzju tal-liberta ta' l-istampa, in kwantu ta' interess pubbliku;

Kif kien mistenni, l-attur appellat jikkontestalu dak l-argoment bis-sottomissjoni konciza illi dak id-dritt tal-kronaka ma kellux jissarraf fir-ripetizzjoni ta' l-ingurja u r-rapportagg ta' fatti li m'ghandhomx mill-verita`;

Hi disposizzjoni tal-Kodici Civili fl-Artikolu 1030 illi "kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dak l-uzu". L-appellanti jippretendi, b'gustifikazzjoni, illi d-dritt tal-kronaka huwa jedd li jmiss lilu ghax din il-posizzjoni ta' vantagg hi hekk lilu rikonoxxuta mill-Kostituzzjoni u d-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja bl-applikazzjoni tan-normi tal-Konvenzjoni, in kwantu dawn jakkordaw, bi prevalenza, dak id-dritt tieghu fuq l-interessi konfliggenti ta' haddiehor;

Fuq din il-proposizzjoni din il-Qorti jidhrilha opportun li taghmel dawn ir-riflessjonijiet introduttivi u preliminari:-

(1) L-ewwelnett, sija l-Kostituzzjoni sija l-Konvenzjoni Ewropeja jirrikonoxxu wkoll b'tutela d-dritt ta' kull individwu ghar-reputazzjoni u l-unur tieghu. Hu ghalhekk dejjem necessarju illi jkun stabbilit f'liema cirkustanzi d-dritt l-wiehed (dak ta' l-espressjoni libera) ghandu jipprevali fuq l-iehor (dak tar-reputazzjoni). Dan qed jigi rilevat ghaliex, fil-valutazzjoni taz-zewg drittijiet u b'riferiment ghal kaz specifiku, ma jidherx li huwa possibbli li wiehed jislet kriterju generali bazat fuq xi gerarkija tal-valuri;

(2) Id-dritt tal-kronaka, f'kull kaz, timporta illi l-fatti esposti jkunu, oggettivament, jikkorrispondu ghall-verita` - "fatti veri fil-kompletezza taghhom" ("**Il-Pulizija -vs- Dr. Carmelo Caruana *et***", Appell Kriminali, 14 ta' Awissu, 1958), li jkunu wkoll ta' rilevanza pubblika. Jekk ma jkunx hekk l-eccezzjoni tal-"*fair comment*" lanqas biss tigi kontemplata. Ara "**Angelo Fenech *proprio et nomine* -vs- Anthony Montanaro *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar, 1993;

Dan premess, jokkorri li jkunu valutati fil-fattispeci l-ezercizzju taz-zewg drittijiet suespressi. Jidher minn dak sottomess mill-appellanti illi bhala raguni liberatorja tar-responsabilita` tieghu huwa javvanza, b’difiza, illi huwa illimita ruhu biex jirriproduci b’kronaka t-test ta’ l-istqarrija tal-G.W.U. Tajjeb li jigi hawn registrat illi skond certi principji generali kif riportati mill-**Gatley** (“**On Libel and Slander**”, Seventh Edition, 1974, para. 261 pagna 263), “*every republication of a libel is a new libel, and each publisher is answerable for his act to the same extent as if the calumny originated from him. It is no defence to an action for such republication that the defendant received the libellous statement from another whose name he disclosed at the time of publication. Because one man does an unlawful act to any person, another is not permitted to do a similar act to the same person. Wrong is not to be justified or even excused by wrong*”;

Fil-kaz prezenti l-attur appellat jikkontendi illi hu hassu malafamat bil-pubblikazzjoni ta’ dik l-istqarrija ghar-raguni li din kienet toffendi l-unur u r-reputazzjoni tieghu billi tattribwilu fatti inveritieri. Minn dik il-pubblikazzjoni huwa jissenjala, b’importanza, dawn l-estratti minnha:-

(i) li hu nfexx f’attakk zleali kontra l-G.W.U. li fil-passat kienet taghmel uzu mis-servizzi tieghu;
(ii) li hu abbanduna x-xoghol tal-G.W.U. meta ma riedx jirrispondi ghall-ittra ufficcjali mibghuta mill-Gvern;
(iii) li hu kellu affinita mal-P.N. bil-hatra ta’ konsulent fuq diversi entitajiet pubblici;
(iv) li fil-passat kien involut fit-terminazzjoni ta’ diversi ufficcjali tal-Union;

Fid-deposizzjoni tieghu l-attur jizmentixxi kull wahda minn dawn l-akkuzi, u, anzi jsostni, li l-pubblikazzjoni ta’ l-istqarrija kienet aktar malizzjuza ghaliex hu baghat jinforma lill-editur tal-gurnal illi ma kienex qal il-kliem attribwiti lilu mill-gurnalist tal-“Media.link Communications Limited”. Il-Qorti, imbaghad, ma tistax ma tinnotax illi l-ebda fatt addebitat ma gie ppruvat, anke ghaliex il-

konvenut baqa' ma xehedx u ma ressaq ebda provi in sostenn;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija mill-gurnal ma setghetx, ghall-invokazzjoni mill-appellanti, tad-dritt tal-kronaka u ta' l-espressjoni hielsa, taspira li tipprevali fuq id-dritt ta' l-attur ghall-integrita` professjonali u morali tieghu. Il-pubblikazzjoni hi karika bi kritika soggettiva inkorporanti interpretazzjoni ta' fatti u tal-kondotta fl-operat ta' l-attur li ma tirrizultax li hi veritiera. Huwa minnu li fi zmenijiet tal-lum, sew id-dottrina legali, kif ukoll il-gurisprudenza, ukoll dik citata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu, jikkoncedu spazju wiesgha lill-kritika. Daqstant iehor, pero`, huwa minnu wkoll illi ma jidherx li dik l-istess dottrina u gurisprudenza jittolleraw li l-kritika sservi merament bhala pretest biex tkun offiza r-reputazzjoni ta' haddiehor b'episodji jew fatti li ma ghandhom ebda riskontru fil-verita`. Ikollu jigi aggunt imbaghad illi l-appellanti ma jistax jiskansa ruhu mir-responsabilita` ghall-fatt li zamm ruhu fl-argini tal-kronaka oggettiva, u dan, sempliciment, ghaliex ippubblika ukoll il-kopja ta' l-ittra li l-attur baghat lill-midja tal-P.N. Apparti li r-rapurtagg ta' dik l-ittra ma setax jitqies li jibbilancja ruhu ma' dak ta' l-istqarrija riprodotta, anzi, fil-hsieb tal-Qorti, dik l-ittra kellha ghal kuntrarju tallertah illi qabel l-pubblikazzjoni ta' l-istqarrija anke jekk ta' pertinenza ghall-interess pubbliku jirricerka diligentement l-fatti u mhux jghaddas rasu u jirrapporta kummenti li, fl-ahhar mill-ahhar, skond il-valutazzjoni ta' din il-Qorti, jirrizolvu ruhhom f'attakk personali dirett biex jikkolpixxi l-figura morali ta' l-attur. L-appellanti ma jistax jezimi ruhu mill-htija jekk bhala l-persuna responsabbli mid-diffusjoni tat-taghrif lill-pubbliku huwa jkun naqas milli, doverosament, jikkontrolla s-sors u l-kontenut ta' dak it-taghrif. Intqal sewwa mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**23 ta' Lulju, 1996**) illi "*affinche si configurebbe l'esimente putativo dell'esercizio di diritto di cronaca è necessario che il giornalista usi legittimamente le fonti informative mediante l'esame, il controllo e la verifica dei fatti che ne` costituiscono il contenuto, offrendo la prova delle cure e delle cautele da lui poste negli accertamenti svolti per*

*vincere ogni dubbio e incertezza prospettabili in ordine alla verita` sostanziale dei fatti*";

Anke jekk din il-Qorti lesta tikkoncedi li l-attur kien soggett pubbliku, u allura setghu jigu utilizzati fil-konfront tieghu anke, espressjonijiet kritici partikolarment horox, xort'ohra lesivi tar-reputazzjoni tal-bniedem komuni, dan ma jfisserx illi dik il-kritika setghet ghal daqshekk titrasmoda ruhha f'aggressjoni personali intiza li tolqot l-isfera professjonali ta' l-attur u dik ta' l-integrita` morali tieghu. Fil-kuntest il-gurisprudenza, sew lokali, sew estera, tikkonkorda. Ara b'ezemplari, "**Onor. Dr. Gavin Gulia -vs- Dione Borg *et***", Appell, 7 ta' Lulju 2006, "**Onor. Dr. Eddie Fenech Adami *et* -vs- Malta Labour Party u Frans Ghrixi**", Appell, 9 ta' Frar, 2007 u s-sentenzi tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** tat-2 ta' Ottubru, 1992 **Numru 1703** u tas-27 ta' Gunju, 2000 **Numru 8733**.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------